3 ta' Marzu 1967.

**Imhallfin:—**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S. Vići-President.**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Dr. Blagio Giuffrida pr. et. ne.

*versus*

Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier et.

**Interess — Azzjonisti — Azzjoni Dikjaratorja — Trattativi — Reċess Minn — Diskrezjoni Governativa — Gvern.**

*L-azzjonisti ta' soċjeta b'responsabilta limitata ma għandhomx interess bħala azzjonisti f'azzjoni kontra terz li tispetta lis-soċjeta.*

*Azzjoni merament dikjaratorja, meta r-rimedju li għalih jistgħu jkunu preordinati mhux biss mhux mitlub imma l-anqas jista jintalab mill-Qorti, mhiex ammessa.*

*Ir-reċess jew revoka tat-trattativi, anki jekk inġust jew arbitrarju, jista' se mai jesponi lil dik il-parti għad-dikjarazzjoni tar-responsabilta għad-danni iżda mhemmx ebda dritt fil-parti l-oħra li tannulla jew tiddekjara ineffikaċi r-reċess jew revoka bħalli kieku ma ġrawx.*

*Meta l-Gvern jirreċedi min trattativi billi l-arranġamenti finanzjarji ma kienux aċċettabili għalih, juża diskrezzjoni li ta prova ta' mala fede din id-diskrezzjoni mhix sindakabbli mill-Qorti, b'mod illi l-Qorti ma tistax tikkostrinġieh li jir-*

*rivela r-raġunijiet tad-deċiżjoni tiegħu jew tiddeċiedi kontra tagħha. Il-buona fede hi presunta sa kemm min jallega l-mala fede ma jippruvax il-kuntrarju.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-atturi premess illi s-soċjetà attriċi ppresentat lill-Gvern ta' Malta proġett għal kostruzzjoni u ġestjoni ta' Hotel De Luxe f'Manoel Island u għamlet applikazzjoni relativa għal "Aids to Industries" taħt *Ordinanza XXI/1959, inkluża "grant" u għal konċessjoni enfitewtika tas-sit u tat lill-Gvern* l-informazzjonijiet kollha opportuni; u premess illi bl-ittri tal-1 ta' April, 1963, 24 ta' Awissu, 1964 u 8 ta' April, 1965 il-Gvern ta' Malta informa lill-instanti illi d-domanda dwar il-kostruzzjoni, arredament u ġestjoni ta' hotel ta' 400 sodda f'Manoel Island ġiet akkolta u offra "grant" ta' 33⅓ per cent fuq il- "capital outlay" jew £580 kull sodda (u ċioè l-*iżgħar somma fosthom) b'massimu ta' £232,000* u offra konċessjoni enfitewtika tal-art indikata fil-pjanta u dana taħt il-kondizzjonijiet indikati fl-ittra tat-8 ta' April, 1965; u premess illi s-soċjetà attriċi aċċettat l-offerta u l-kondizzjonijiet kollha u bagħtet ir-rappresentant tagħha hawn Malta biex jiffinalizza l-kuntratti; u premess illi l-atturi Dottor Giuffrida u Salvatore Mammana huma l-azzjonisti tas-soċjetà *attriċi u azzjonisti tas-soċjetà maltija* kostitwenda għal finalizzazzjoni tal-kuntratti relativi; u premess illi ġew konsenjati lill-istanti l-abbozzi *governattivi* tal-kuntratti li ġew aċċettati mill-istanti u ġew indikati mill-Gvern il-kondizzjonijiet rikjesti dwar l-aspett finanzjarju; u premess illi dawn il-kondizzjonijiet, wara diversi modifiki, ġew speċifikati finalment mill-Gvern fit-28 ta' Ludju, 1965 taħt diversi al*ternattivi u ċioè kif indikat fid-Dok. G esibit maċ-ċitazzjoni* u l-istanti għażel it-tielet alternativa u għamel dak kollu li kien hemm bżonn da parti tiegħu biex jittempera ruħu mal-

kondizzjonijiet u kkonsenja lill-Gvern id-dikjarazzjonijiet neċessarji mill-Bank of Industry, Commerce and Agriculture, kif ukoll l-abbozzi tal-kuntratti ma' dan il-Bank, li saru pjenament a tenur tar-rikjesti tal-Gvern u premess illi l-instanti fil-fatt ittempera ruħu mal-kondizzjonijiet kollha rikjesti mill-Gvern, iżda l-Gvern bl-ittra tal-5 ta' Ottubru, 1965 mingħajr ma ta l-ebda raġunijiet, informa lill-instanti illi l-aranġamenti finanzjarji kontenuti fil-minuti tal-kuntratti ma kienux soddisfaċenti għall-Gvern u għalhekk l-offerta kondizzjonata li kienet saret mill-Gvern kienet qegħda tiġi unilateralment revokata u illi l-proġett tal-instanti għalhekk ma kienx sejjer jiġi konsiderat iżjed, ħaġa li l-Gvern ma kellu l-ebda dritt jagħmel stante r-rapporti kontrattwali li kienu ġew definiti u l-fatt li l-instanti ottempera ruħu mal-kondizzjonijiet kollha rikjesti; u premess illi l-Gvern, nonostante protest ġudizjarju, naqas milli jbiddel l-attitudini arbitrarja tiegħu; talab li — wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u jittieħdu l-provvedimenti kollha opportuni, il-Qorti tiddeċiedi u tiddikjara illi l-instanti fil-kwalitajiet tiegħu premessi ittempera ruħu ma' u ssodisfa l-kondizzjonijiet kollha rikjesti mil-Gvern ta' Malta għall-finijiet tal-assistenza taħt l-Aids to Industries Ordinance 1959, inkluża l-"grant" fuq indikata, u l-konċessjoni enfitewtika għal 99 sena tas-sit miftiehem f'Manoel Island u li għalhekk ir-revoka unilaterali magħmula bl-ittra tal-5 ta' Ottubru, 1965 hija nulla u mingħajr effett — u dana għar-raġunijiet premessi, b'riserva ta' kull azzjoni oħra spettanti lill-instanti skond il-liġi. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest tad-29 ta' Novembru, 1965 kontra l-konvenuti.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha qalu:—

Illi d-domanda attriċi mhix ammissibili għax fi kwal-

ziasi kaž il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni illi tikkostrinġi lill-eċċipjenti illi jkomplu jew illi jikkonkludu n-negozjati, speċjalment f'kuntratti illi għall-eżistenza tagħhom jirrikjedu ċerti formalitajiet, u ovvjament id-domanda hija preordinata għal dan l-iskop għax altrimenti m'hemmx interess.

Illi l-offerta, barra milli kienet kondizzjonata, ma ġietx aċċettata, u dana partikolarment dwar is-sit offert.

*Illi dwar l-għoti tal-art, l-offerta, anke kieku aċċettata, dak li hu negat — ma kienitx vinkolanti, għax kienet sempliċement tindika l-art li fuqha setgħu jsiru negozjati u l-Gvern seta' jaqta' t-trattativi meta jrid,* u dwar l-għoti tal-grant, apparti mill-kondizzjonijiet partikolari tal-istess, huwa wkoll dipendenti fuq l-għoti tal-art.

Illi l-provi dwar il-finanzjament tal-proġett, ossija ta' fondi adegwati għal proġett min-naħa tal-atturi, kellhom ikunu sodisfaċenti għall-Gvern — dak li ma kienx — u dana mhux sindakabbli;

Illi, bla preġudizzju tal-premess, l-atturi ma ittemperawx ruħhom għal kondizzjonijiet la dwar il-grant u lanqas dwar l-art.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-10 ta' Ottubru, 1966 li biha laqgħet l-ewwel u tielet eċċezzjoni tal-konvenuti u għalhekk ċaħdet it-talbiet ta' l-attur proprio et *nomine bl-ispejjeż, wara li kkunsidrat —*

Omissis

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur fil-kwalitajiet tiegħu

fuq imsemmija u l-petizzjoni tiegħu li biha talab illi s-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tiġi revokata, l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti jiġu miċħuda u t-talbiet tiegħu jiġu milqugħa, bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra l-istess konvenuti;

Rat ir-risposta tal-konvenuti li qalu illi s-sentenza appellata hi ġusta u tistħoqq konferma bl-ispejjes.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Il-fatti li minnhom oriġinat din il-kawża ġa ġew, b'ċerta ampjezza, esposti fis-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, u dawk li, fil-fehma ta' din il-Qorti, huma l-aktar rilevanti fosthom ser jiġu rikapitolati bl-aġġunta ta' xi dettalji li l-Qorti jidhrilha meħtieġa għall-aħjar kompletezza.

F'Awissu, 1962 Riccardo Gueci, li ffirma f'isem u fl-interess tas-soċjetà "Finanziaria Italiana Gestioni" ta' Palermo, ippreżenta applikazzjoni għall-għajnuna taħt l-Aids to Industries Ordinance (Ordinanza Nru. XXI ta' l-1959) dwar proġett ta' bini u ġestjoni ta' lukanda. Dik l-applikazzjoni saret fuq formula stampata li, kif jidher, tiġi ottenuta minn għand il-Malta Government Tourist Board (hawn iżjed il-quddiem imsejjaħ il-Board), iżda l-informazzjonijiet mogħtija fiha kienu, f'diversi rispetti anki ovvjament importanti, inkompleti jew nieqsa. Is-sit inqtal li kellu jiġi "provided later." Rigward il-'cost' ġiet indikata s-somma ta' 1,800,000,000 liri taljani, korrispondenti għal fuq il-miljun lira sterlina.

Rigward is-soċjetà li f'isimha u għaliha l-applikazzjoni kienet qiegħda ssir intqal illi hi kienet ġiet kostitwita fl-atti tan-Nutar Castellini tas-17 ta' Lulju, 1962, li kienet ġiet ap-

provata mill-Qorti ta' Palermo fis-27 ta' Lulju, 1962 u irreġistrata mill-Kamra tal-Kummerċ ta' Palermo fl-4 ta' Awissu, 1962. Is-shareholders ġew indikati li kienu l-istess Riccardo Gueci u Salvatore Di Liberto u s-sharecapital ġie indikat li kien miljun lira taljana (ċioè ma dwar £600) issued u fully paid.

Dik l-applikazzjoni tidher li kienet segwitu ta' ittra datata 16 ta' Lulju, 1962 iffirmata minn l-Avukat Dottor Giorgio Degiorgio u indirizzata liċ-Chairman tal-Board, mnejn jidher illi l-lukanda kienet proġettata għal Manoel Island. F'dik l-ittra, verament, ma issemmiex speċifikament min kienu l-klieneti li għalihom Dottor Degiorgio kien qed jikteb: huma ġew deskritti bħala li kienu "an Italian Syndicate" li kien "backed by the Banco di Sicilia and other outstanding financing elements" u intalab illi l-proposta tiġi kunsidrata bla dewmien "as the Syndicate have made it clear that it will not be possible to tie the necessary capital for any length of time". Naturalment (u dan jingħad għall-kull każ fejn issir riferenza għal ittri miktuba minn Dr. Degiorgio) Dr. Degiorgio kiteb skond l-informazzjonijiet li kienu ituh il-klienti tiegħu.

Skond ittra oħra ta' Dottor Degiorgio datata 14 ta' Settembru, 1962, fost il-finanzjaturi tal-proġett kellu jkun hemm, minn barra il-'Banco di Sicilia', anki is-soċjetà, "Anonima Bresciana Costruzioni s.p.a.", is-soċjetà "Imprese Riunite Costruzioni Edili e Stradali s.p.a. (IRCES)" u Dr. Francesco Salvo".

Fl-1 ta' April, 1963, il-Board bagħat lis-soċjetà appellanti l-ittra li kienet tgħid:

"With reference to your application of August 14, 1962, I am pleased to inform you that the Government

has, **in principle**, approved the grant of assistence in connection with the construction of a 300 bed hotel and ancillary amenities under conditions to be agreed later.

Subject to the foregoing, the Government is prepared to offer an unrepayable grant of up to 33⅓ percent of the capital outlay or £580 per bed whichever amount is lesser and to grant in emphysteusis the land required for this project.

With regard to the grant of the land for this development, you are required to produce for approval by the Government a plan showing the extent of the land you require and the way you intend to utilize it in relation to **this project**."

Din l-ittra, għal dik li kienet il-bażi li fuqha kellu jiġi ikkalkolat l-ammont tal-grant, kienet *timporta kambjament f'dak li kien il-proġett inizjali tas-soċjetà appellanti*: Difatti fl-ittra tagħha tal-15 ta' Ġunju, 1963 is-soċjetà, filwaqt illi akkużat riċezzjoni ta' l-imsemmija ittra tal-Bord ta' l-1 ta' April, 1963 u irringrazzjat għad-deċiżjoni li kienet kontenuta fiha, qalet illi kienet ser tistudja "le nuove varianti al progetto iniziale" u kienet tispera li tagħmel il-proposti ġodda tagħha sa Lulju ta' wara.

In segwitu, kif jidher mix-xhieda ta' John Pollacco, is-soċjetà appellanti irtirat l-applikazzjoni oriġinali tagħha ta' Awissu, 1962 u issostitwietha b'oħra. Din it-tieni applikazzjoni saret f'Awissu, 1963 iżda, biex is-soċjetà ma tippreġudikax ruħha dwar iż-żmien it-tieni applikazzjoni ġiet mogħtija l-istess data ta' l-applikazzjoni oriġinali u anki fid-Dipartiment ġiet ittimbrata bħala li kienet ġiet riċevuta f'Awissu, 1962. F'dik it-tieni applikazzjoni intqal illi s-soċjetà kellha

tiġi reġistrata f'Malta qabel jiġu iffirmati l-kuntratti mal-Gvern ta' Malta. Fost is-shareholders jew proposed shareholders ġew indikati, oltre l-istess Riccarlo Gueci u Salvatore Di Liberto, l-Anonima Bresciana Costruzioni, s.p.a. Palermo, l-IRCES (Imprese Riunite Costruzioni Edili e Stradali) s.p.a. Palermo u Dr. Salvo Francesco. Fil-garzella "Share capital or proposed share capital of Company" tnisżżel: Nominal £300,000; Issued £60,000; Value of each share £6; Fully paid up, no."

Hawnhekk il-Qorti jidhrilha li hu konvenjenti li tagħmel riferenza għad-dokument intitolat "General Information for applicants for assistance under the Aids to Industries Ordinance in relation to Hotel projects," maħruġ mill-Board. F'dak id-dokument, fost affarijiet oħra jingħad dan li ġej:

"1. Assistance under the Aids to Industries Ordinance in relation to tourist projects is intended to assist hotel construction and operation for which capable management is available and for which the applicants are shown to be in a position to make an adequate contribution of their own and to have raised or are in a position to raise as much finance as is necessary to complete the project...........

5. It is essential that full particulars of the way it is proposed to finance the project be clearly indicated. Where evidence of availability of finance is required, a letter of intent by the sponsors is NOT considered adequate. Evidence of availability of finance should be documentary and emanating from the source from which finance is procured or intended to be precured.

THE BOARD WILL BE UNABLE TO PROCEED WITH THE PHYSICAL VETTING OF AN APPLICATION UNLESS THE FINANCIAL AND ECONOMIC INFORMATION REFERRED TO IN THE APPENDIX IS GIVEN AND IS SUPPORTED BY DOCUMENTARY EVIDENCE (Items (b) and (c). L-ittri kapitali qegħdin fl-oriġinal).

L-items (b) u (c) tal-paragrafu III ta' APPENDIX isemmu —

"(b) Amount and form of finance already available, showing sources from which it will be obtained.

(c) Sources from which the balance of the funds required will be obtained.

N.B. The information required under (b) and (c) should be supported by documentary evidence (see Notes).

Nonostanti illi, fil-każ preżenti, xejn minn din l-evidenza dokumentarja hekk kjarament rikjesta kien għad ma ġie prodott mis-soċjetà appellanti, l-applikazzjoni tagħha baqgħet tiġi kkunsidrata. Apparentement, l-assigurazzjonijiet ġeneriċi ta' eventwali finanzjament, kontenuti fl-attestat tal-*Banco d Sicilia*, fl-ittri ta' l-Avukat Dottor Degiorgio u fl-applikazzjoni stess tas-soċjetà, tqiesu, għall-mument, bħala biżżejjed bħala bażi biex tingħata l-approvazzjoni ta' prinċipju għall-proġett biex setgħat tinħareġ il-'letter of intent' ta' l-1 ta' April, 1963 li kienet toffri l-possibilita ta' bidu għad-diskussjonijiet. Forsi l-ispjegazzjoni ta' dan tista tinsab fil-fatt, pubblikament magħrufa minn kulħadd, illi fi żmien meta kien jidher urġentement meħtieġ li jingħata bidu

għad-diversifikazzjoni ta' l-ekonomija tal-pajjiż u għall-isvilupp ta' l-industrija in ġenerali u, *partikolarment*, ta' l-industrija tat-turiżmu, id-Dipartiment kien preokkupat li ma tintilifx ebda opportunità li setgħet "prima facie" toffri possibilitajiet, salvo, naturalment, li, mbagħad, fil-kors tan-negozjati ssir, bil-mod serju u eżiġenti li jeżiġu grants u konċessjonijiet ta' l-entità u x-xorta in kwistjoni, l-investigazzjonijiet *neċessarji*. Hekk jispjega ruħu, fil-fehma tal-Qorti, dak li xehed John Pollacco meta qal illi, għalkemm kien għad baqa bosta x'jiġi diskuss u ikkjarit qabel ma jibdew it-trattativi definitivi, il-Gvern "biex juri li kien interessat fil-proġett," bl-ittra ta' l-1 ta' April, 1963 ta lis-soċjetà appellanti in-'*notice of intent*'.

Ċerti dettalji dwar il-'cost' tal-*proġett* li jidher li kienu ġew *rikjesti* mill-Bord, ġew forniti fl-ittra ta' Dottor Degiorgio datata 14 ta' Ottubru, 1963. Eventwalment is-soċjetà għażlet li tipproċedi għan-*negozjati* fuq il-bażi tal-proġett *imsejjaħ* "Tipo B" li kien jikkontempla lukanda ta' 400 sod da u li l-Board deherlu li kien l-uniku tip ta' proġett li sata jikkwalifika għall-grant ibbażat, *skond* il-policy, fuq il-'bed *element*'. John Pollacco xehed illi l-Bord sata jibda jikkunsidra l-proġett tas-soċjetà mhux qabel il-5 ta' Diċembru 1963, ċioè il-ġurnata li fiha *intbagħtet* mis-soċjetà l-ittra ta' dik id-data.

Fil-10 ta' Diċembru, 1963 is-Segretarju tal-Bord kiteb lis-Soċjetà fejn qalilha illi s-suġġerimenti tagħha kontenuti f'dik l-ittra tal-5 ta' Diċembru, 1963 ser jinġiebu quddiem il-Bord bla dewmien.

Mix-xhieda ta' John Pollacco jidher illi, allura, l-applikazzjoni tas-soċjetà inġiebet *quddiem* il-Board u bdiet issir *il-korrispondenza* li kien hemm bżonn mad-Dipartimenti

uffiċjali interessati fl-Ingilterra għall-approvazzjoni preliminari. Fuq talba tal-gvern Ingliż, il-Board, fit-30 ta' Settembru, 1964 talab lis-soċjetà appellanti xi informazzjonijiet li tqiesu meħtieġa għall-finijiet ta' l-artikolu 4(1) ta' l-*Financial Agreement* bejn l-Ingilterra u Malta. L-ittra tal-Board staqsiet:

(a) whether the financial assistance sought is intended to be applied to the purchase of goods or services of United Kingdom origin, and, if it is desired to apply it, or any of it, to goods and services from other countries, for what reasons those other sources are proposed;

(b) if the financial assistance sought is to assist also in meeting local expenditure (i.e. construction and local services), what the total import content of the project is, whether the goods and services to be imported will all be of U.K. origin, and if not for what reasons imports from other sources are proposed."

L-ittra tal-Board kompliet tgħid:—

"On the telephone this morning you informed me that the capital structure of the Company has been or is being revised. It would facilitate matters if you could also let me have the following information on the subject:

(1) The limit of the liability which the Finanziaria Italiana Gestione will assume.

(2) The particulars of ordinary share holders, the amount of shares subscribed and to the amounts already paid up by each share holder.

(3) The amount which the company proposes to acquire by way of loan or debenture stock.

Trattandosi ta' applikazzjoni għal grant ta' xi kwart ta' miljun lira, oltre konċessjonijiet oħra ta' valur konsiderevoli, minn flus provduti taħt *il-Financial Agreement* ta' Malta ma l-Ingilterra, dawk id-domandi kienu ovvjament rilevanti, meta *kien* għad magħruf hekk ftit dwar id-dettalji *tal-proġett u speċjalment* dwar *kif kien ser jiġi finanzjat.* Intant ir-risposta kienet dik biss kontenuta fl-ittra ta' Dottor *Degiorgio* tas-6 ta' Ottubru, 1964 li fiha, relativament għad-*domandi dwar* l-*importazzjoni* ta' *materjal u servizzi intqal:*

"In the first place I feel that it is not possible at this stage to reply in detail to the two queries, however it can safely be stated that my clients will in due course make a call for tenders in Italy, U.K. and Malta for the supply of materials, fittings, equipment etc and it is only logical that the contract for the supply shall be awarded to the best tenderer taking into consideration the price, quality and time of delivery, and in the case of equality the tender shall be awarded to goods and equipment of U.K. and Malta origin in preference to that from other countries."

*Relativament* għad-domandi l-oħra kollha dwar li struttura *finanzjarja* tas-soċjetà, l-ammont ta' responsabbilità *finanzjarja* li hi kienet ser tassumi, etc., l-ittra ta' Dottor Degiorgio qalet:

"The reply to the second part of your letter does not arise as the capital structure of the Company remains unaltered and as to the question of the liability the company will be assuming the whole cost of the project

without any outside help, in other words it will be a self-financed project."

Jekk il-Qorti tifhem sewwa din ir-risposta, Dottor Degiorgio kien qiegħed jgħid illi s-soċjetà appellanti, għal dik li kienet li struttura kapitali tagħha, kienet għadha, kif bdiet, b'kapital nominali ta' £600 possedut miż-żewġ azzjonisti oriġinarji, iżda illi, b'dana kollu dik is-soċjetà kellha riżorsi finanzjarji min tagħha jew, dak iż-żmien, disponibbli għaliha biex tassumi l-kost kollu ta' proġett ta' xi miljun lira sterlina (inkluż il-grant).

Preżumibilment in bażi għall-assigurazzjoni dwar il-finanzjament kontenuta f'dik l-ittra ta' Dottor Degiorgio, l-applikazzjoni tas-soċjetà appellanti baqgħet tirċevi konsiderazzjoni, almenu ta' prinċipju, tant illi fit-8 ta' April, 1965, il-Board bagħat lis-soċjetà l-ittra li kienet tgħid —

"Gentlemen,

Please refer to your application dated August 14, 1962 for assitance under the Aids to Industries Ordinance and for financial assistance from the Government in connection with the construction, equipping and operation of a 400 bed hotel on a site at Manoel Island.
2. My Minister has asked me to inform you that he is pleased to offer you a grant of 33⅓ per cent of the capital outlay or £580 per bed whichever amount will be lower, up to a maximum of £232,000.

3. Subject to the land being fully utilised in a manner acceptable to the Government and saving possible negotiations regarding the use of buildings in the vicinity which the Company could utilise without substantially

altering their appearance the site in question is that shown edged in red on attached plan.

4. This offer is being made conditional to agreement being reached between your Company and the Government on the terms and conditions of the deed of emphyteusis and the deed of financial assistance by way of grant, and also to the following conditions:—

(a) before the expiration of three months from the date hereof, you are required to produce evidence satisfactory to the Government, that you have the necessary funds at your disposal for expenditure on the project;

(b) within three months from the date hereof you will produce preliminary drawings of the hotel and ancillary amenities.

5. Referring to my letter of September 30, 1964, and to your reply thereto of October, 6, I am to inform you that in the deed of financial assistance referred to above, your company will be required to undertake that any materials required for the execution of the project will be purchased, and any services required for the same purpose will be obtained from the United Kingdom and/or Malta sources. Should you, however, anticipate that such materials or services can be obtained at more favourable terms, including prices, from sources other than the United Kingdom and Malta, you will be required to issue a call for tenders in the United Kingdom and Malta and in such other sources, and upon your satisfying the Government that the tender made by a tenderer from such other source is the most favourable,

having regard to price, delivery and standard of the materials or services offered, the Government would be *ready to consider allowing you to obtain such materials* and/*or services from* that source. Of course, the word 'source' in relation to materials is to be construed as meaning the country where such materials are produced and manufactured.

6. In this regard, however, the services of architects and engineers who have already been appointed by your company *for the execution of* the *project* do not fall within the scope of such requirement, provided that the fees for such services, including costs incidental and ancillary thereto, do not exceed 10 per cent of the cost *of the project. Of* course, the indication of such maximum does not imply that the cost of such services is necessarily to amount as much."

Din l-ittra ġiet akkużata riċeżżjoni tagħha għan-nom tas-soċjetà appellata f'ittra datata 4 ta' Mejju, 1965 iffirmata minn C.A. Tabone li fiha ġie espress ir-ringrazzjament tas-soċjetà u ġie *msemmi* li kellhom jaslu Malta fi ftit żmien ir-rappreżentanti tas-soċjetà. Din l-ittra ġiet segwita minn oħra datata 8 ta' Ġunju, 1965 li fiha ntqal illi delegat tas-soċjetà, fil-persuna ta' Dottor *Giuffrida*, kellu jasal Malta "onde mettersi a disposizione degli uffici governativi per giungere al più presto possibile alla stipula dei contratti relativi. *Non* appena *quindi le LL.SS. concorderanno con il* predetto Dottor *Giuffrida* la data relativa alla firma di tutti gli atti e contratti, il nostro rappresentante legale si porterà tempestivamente a Malta".

Hekk daħal fix-xena l-ewwel darba Dottor Giuffrida, u Riccardo Gueci ħareġ mix-xena għal kollox.

L-ittra tas-soċjetà hawn l-aħħar imsemmija kienet tagħti l-impressjoni li kollox kien konkjuż u miftiehem u li ma kienx jonqos ħlief li jiġu iffirmati il-kuntratti. Iżda fl-ittra tat-18 ta' Ġunju, 1965, John Pollacco, għan-nom tal-Board, wara li ħa nota li kien ser jasal Dottor Giuffrida, "to discuss the terms of the agreement relative to your company's project" u assigura li tingħata lil Dottor Giuffrida "every assistance......in order to expedite the finalisation of the agreements", żied jgħid:—

"I am, however, to refer to my letter of April, 8, 1965 where, inter alia, I made it clear that the offer of financial assistance by way of grant was being made conditional, not only to agreement being reached between the Government and your Company on the terms and conditions of the deed of emphyteusis and the deed of grant of financial assistance, but also to the following conditions:

(1) before the expiration of three months from April 8, 1965 you are required to produce evidence, satisfactory to the Government, that your Company has the necessary funds at its disposal for expenditure on the project.

(2) within three months from the same date you will produce preliminary drawings of the hotel and ancillary amenities.

I wish to draw your attention to the fact that the time limits indicated above will expire on July 8, 1965".

B'risposta għal din l-ittra Dottor Giuffrida, għan-nom tas-soċjetà bagħat l-ittra tat-22 ta' Ġunju, 1965 li magħha

akkluda pjanta u xi skizzi u — bħala l-evidence rikjesta, li kellha tkun "satisfactory to the Government" li l-kumpanija kellha għad-disposizzjoni tagħha il-fondi neċessarji biex jintefqu fil-proġett — ittra tal-Banca Popolare S. Agata datata 11 ta' Ġunju, 1965 li kienet tgħid hekk:

"Su richiesta della società in oggetto (cioè s-soċjetà appellanti) e dai dati in possesso di questa banca, ci è gradito informarvi che la Finanziaria Italiana Gestioni s.r.l. ha tutte le possibilità da avere a sua disposizione i fondi necessari per tutte le spese del costruendo albergo di 400 posti letto sul sito Manoel Island in Malta. *Inoltre la predetta Società, oltre ad essere* da noi giudicata molto favorevolmente, dispone di valenti tecnici specializzati e di tutta l'attrezzatura necessaria per la costruzione di grandi alberghi."

Dottor Michele Tufigno, il-Crown Advocate General, qal meta xehed illi, mill-ewwel darba li hu ltaqgħa ma Dottor Giuffrida (kif sejjer jissemma l-quddiem) hu qallu, rigward dak l-attestat tal-Banca S. Agata illi la l-kontenut u lanqas il-banka ma kienu aċċettabbli għall-Gvern. Dottor Tufigno żied jgħid — rigward dak l-attestat — illi "t-termini tagħha...kienu tali li ma juru ebda serjetà la (fl-appellanti) u lanqas fil-bank." U tabilħaqq, fil-fehma tal-Qorti, il-provi m jurux illi, fiż-żmien li dak l-attestat inkiteb, seta jiġi ċertifikat bil-verità illi l-kumpanija appellanti kellha tagħha jew kellha xi possibilità reali li jkollha għad-disposizzjoni tagħha l-kapitali neċessarji. Dottor Giuffrida meta xehed qal illi minn għand dawk li hu kien indika bħala 'eventuali finanzjaturi' hu qatt ma kellu xejn bil-miktub.

Fl-1 ta' Lulju, 1965 Dottor Giuffrida kiteb lil Board biex jissolleċita li tiġi ffissata d-data "dell'inizio delle discussioni

relativa ai termini e alle condizioni dei contratti di enfiteusi e *finanziario*".

Wara dan jidhru li saru xi laqgħat. L-ewwel laqgħa li għaliha kien preżenti Dott. Tufigno tidher li saret fit-8 ta' Lulju, 1965. X'ġara eżattament f'dik il-laqgħa mhux għal kollox ċar u anqas hu verament wisq importanti. Dottor Giuffrida qal fix-xhieda tiegħu illi kienu preżenti, oltre Dottor Tufigno l-ippresjeda, John Pollacco, l-Accountant General Farrugia u Buttigieg, Uffiċjal ta' l-Exchange Control Office, min-naħa tal-Gvern, u l-istess Dottor Giuffrida, Lino Tabone u Dottor Degiorgio għas-soċjetà appellanti: Skond Dottor Giuffrida, Dottor Tufigno qal f'dik l-okkażżjoni illi biex is-soċjetà tissoddisfa l-Gvern definitivament għal dawk li kienu l-finanzi, hi kellha b'żieda ma l-attestat bankarju, tgħolli l-kapital tagħha fl-Italia minn miljun lira taljana (xi £600) għal ħames mitt miljun (xi £300,000) u żied li possibilment (u dan bħala suġġeriment biss u mhux bħala kondizzjoni) dak il-kapital jiġi versat esklusivament għall-bini tal-lukanda. Dottor Tufigno iddikjara (dejjem skond Dottor Giuffrida) illi jekk il- kapital jiġi miżjud b'dak il-mod, kien ikun possibbli illi fil-bini jintefqu 500 miljun lira Taljana mis-soċjetà illi mbagħad titlob self għal dak li jibqa bżonn u l-Gvern kien ikun dispost li jipposponi l-ipoteka riżervata favur tiegħu minħabba l-grant a favur ta' min jislef lill-kumpanija. "Konna ser nitilqu l-barra meta l-Avukat Tufigno qal illi għal deferenza dak illi jiġi impost mir-rappreżentanti tal-Gvern kellu jiġi approvat mill-Onor. Ministru Dottor Felice".

Rigward dik il-laqgħa Dottor Degiorgio xehed illi l-evidence of finance li ġiet prodotta mill-kumpanija ma ġietx konsidrata soddisfaċenti u aċċettabbli......imbagħad Dottor Tufigno qal li kien ser jagħmel suġġeriment ad insaputa tal-

Ministru u li jkun suġġett għall-approvazzjoni tiegħu. Dan is-suġġeriment kien illi l-kumpanija tgħolli l-kapital tagħha għal *500 miljun lira taljana u li tipprovdi dikjarazzjoni* bankarja li l-kumpanija għandha flus fl-Italja daqs £300,000 jew *ċiffra* oħra li għal mument Dr. Degiorgio ma ftakarx sewwa kemm kienet, li għandhom ikunu utilizzati fil-proġett. "Kumbinazzjoni — qal Dr. Degiorgio — kien hemm diġa deċiżżjoni fl-1962 biex il-kapital tas-soċjetà jiġi elevat għal 500 miljun lira taljana bħala kapital nominali: Ma nafx jekk f'dik *l-okkażżjoni kienx hemm imposta xi kondizzjoni oħra.*"

Dejjem rigward dik is-seduta tat-8 ta' Lulju, 1965, John Pollacco xehed: "f'dak l-inkontru inqalgħet il-kwistjoni dwar l-evidenza finanzjarja tal-bank ta' Sant'Agata li dehrilna li ma kienitx soddisfaċenti u tlabnihom biex iġibu evidenza finanzjarja aktar soddisfaċenti għal-Gvern......għidnilhom ukoll x'kien hemm bżonn rigward il-finanzjament biex il-Gvern jissodisfa ruħu. Għidnilhom illi l-kapital ta' *£300,000*, irid ikun kapital personali tagħhom u l-kumplament jiġifieri it-£300,000 l-oħra kienu jistgħu *jissellfuhom...... Dottor* Tufigno qalilhom illi l-kondizzjonijiet kollha mitluba huma dejjem soġġetti għall-approvazzjoni tal-gvern......kienet saret domanda da parti tal-Gvern illi l-kumpanija televa l-kapital però ċ-ċifra ma niftakarhiex......niftakar li f'dik is-seduta *għidna li l-kapital tas-soċjetà għandu jiġi utilizzat għall-*proġett. Niftakar li Dottor Giuffrida kien oġġezzjona għaliex qal illi ebda bank ma jista jagħti dik id-dikjarazzjoni. Sa fejn naf jiena, aħna bqajna ninsistu fuq il-kondizzjoni li l-bank jagħti din il-garanzija *rigward l-utilizzazzjoni tal-flus* fil-proġett. L-impressjoni tiegħi hi illi Dr. Giuffrida kien qal li jipprova jottieni minn għand il-bank dik il-garanzija.

Dottor Tufigno, qabel ma irriferixxa għal dak li kien ġara fis-seduta in kwistjoni, ippremetta illi kwalunkwe dis-

kussjoni li saret dwar il-possibilitajiet finanzjarji tal-kumpanija ma kienux diskussjonijiet dwar il-kondizzjonijiet tal-'grant' imma kienu premessa fondamentali qabel wieħed jibda jiddiskuti l-grant biex il-Gvern jikkonvinċi ruħu qabel kollox illi valeva la pena wieħed jibda d-diskussjonijiet dwar il-grant stess. Il-Gvern ma riedx jibda jiddiskuti l-grant qabel ma jkun soddisfatt illi qed jiddiskuti ma nies li kellhom il-possibilitajiet finanzjarji li jagħmlu dak li jidħlu għalih. Punt ieħor importanti ħafna — Dottor Tufigno qal — li dejjem għamel enfasi fuqu kien li kwalukwe ħaġa li kienu qegħdin jitolbu mill-kumpanija kellha tkun għas-sodisfazzjoni tal-Gvern, jiġifieri l-Gvern ma kellux jagħti raġunijiet għaliex jaċċetta ħaġa jew le. "Kull meta iddiskutejt ma Dottor Giuffrida" — Dottor Tufigno qal — "dejjem għamilt enfasi fuq din il-ħaġa u hu dejjem jiftaħ idejh u jgħidli: certo, certo." Fis-seduta in kwistjoni, Dottor Tufigno qal lil Dottor Giuffrida illi, kwantu għall-attestat tal-Banca S. Agata bħala "prova konkreta tal-finanzjment tal-proġett", dak l-attestat ma kienx aċċettabbli għall-Gvern la bħala kontenut u lanqas bħala bank. Imbagħad billi Dottor Giuffrida beda jurih id-diffikoltajiet tiegħu, qallu li kien ser jissuġġerixxi lill-Ministru li wieħed jista jkompli jiddiskuti jekk is-soċjeta ġġib provi li kellha fondi fl-Italja li jammontaw għal £300,000. Din il-proposta kienet soġġetta għall-approvazzjoni tal-Ministru.

Fil-fatt, il-Ministru ma approvax il-proposti li kienu saru f'dik il-laqgħa tat-8 ta' Lulju u l-appellanti ma humiex, difatti, jibnu ebda pretensjoni tagħhom fuq xi ftehim li sar f'dik il-laqgħa.

Invece il-pretensjoni ta' l-appellanti hi sostanzjalment akkampata fuq dak li huma jgħidu li ġara fis-seduta l-oħra li saret, wara, ma Dottor Tufigno fit-28 ta' Lulju, 1965 u

dak li ġara in segwitu u bħala riżultat ta' dik is-seduta.

Skond Dottor Giuffrida, dik inhar Dottor Tufigno beda biex infurmahom illi kull ma kien intqal u ġie deċiż fis-seduta ta' qabel kellu jkun ikkunsidrat null għax il-Ministru jew il-Gvern ma kienx approva. Imbagħad Dottor Giuffrida "qal x'kien *hemm* bżonn biex il-Gvern ikun kompletament sodisfatt". Dottor Giuffrida jgħid illi l-kundizzjonijiet li impona Dottor Tufigno kienu dawk illi hu kiteb, anki minn fuq notamenti li, waqt is-seduta, kien ħa Dottor DeGiorgio, fil-verbal li hu qal li kiteb dik inhar stess tal-laqgħa meta mar id-dar. Dawn il-kondizzjonijiet kienu —

(1) illi l-kumpanija jkollha għad-disposizzjoni tagħha fl-Italja l-flus neċessarji għall-bini tal-lukanda fis-somma ta' £600,000 u li dak l-ammont jibqa esklusivament disponibbli għal dak il-bini.

(2) illi l-kumpanija tipproduċi dikjarazzjoni mill-uffiċju kompetenti Taljan fis-sens illi l-Gvern Taljan jawtorizza l-esportazzjoni tal-materjal tal-bini tal-lukanda jew bil-ħlas tal-materjali fl-Italja jew bil-ħlas tal-materjali b'kontropartita 'a skadenza' f'liema każ kellu jiġi preċiżat it-terminu tal-ħlas.

(3) illi jekk il-kumpanija jkollha l-possibilità li jkollha f'Malta minn bank lokali l-ammont ta' £600,000, iż-żewġ kondizzjonijiet ta' qabel għandhom jitqiesu nulli.

(4) Illi d-dikjarazzjonijiet bankarji u ta' l-uffiċċju kompetenti Taljan kellhom jiġu ippreżentati lill-Gvern fi żmien ħmistax il-ġurnata mid-29 ta' Lulju, u dak it-terminu kien essenzjali u improrogabbli.

Dan it-terminu — qal *Dottor Giuffrida* — **wara rimostranzi tiegħu minħabba li kien qasir wisq, anki għaliex Awwissu kien fl-Italja ż-żmien tal-vaganzi, ġie estiż minn Dottor Tufigno sal-15 ta' Awwissu,** imbagħad *mill-Prim Ministru* **sat-30** ta' Awwissu, **1965** għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni **bankarja** u sal-15 ta' Settembru għall-eventwali preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni.

Il-kondizzjonijiet *kif* hawn fuq deposti minn Dottor Giuffrida huma fis-sostanza *konfermati* minn Dottor Degiorgio u Lino Tabone. Rigward *l-ewwel* kondizzjoni, li hu jgħid li ġiet "dettata" minn Dottor Tufigno, Dottor Degiorgio speċifika illi d-dikjarazzjoni tal-banka Taljana kellha tkun "accettabbli lill-Gvern".

Fit-teżi ta' l-appellanti, il-kondizzjoni Nru. (3) kienet alternattiva mogħtija lilhom għall-kondizzjonijiet Nri. (1) u (2), b'mod illi jekk huma kien jirnexxilhom jissoddisfaw dik il-kondizzjoni Nru. (3) *il-kondizzjonijiet*, għal dawk li kienu l-eżiġenzi tal-Gvern dwar l-ararnġamenti finanzjarji, kellhom jitqiesu kompletament inkontrati.

L-appellanti jkomplu jgħidu illi huma issoddisfaw kompletament dik il-kondizzjoni permezz ta' l-arranġamenti li, kif ser jingħad, għamlu mal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Ltd. (BICAL).

John Pollacco fix-xhieda tiegħu ma jidhirx illi jikkontesta illi fis-seduta in kwistjoni sar diskors fis-sens illi, **bħala** waħda mill-kondizzjonijiet, l-appellanti kellu jkollhom **għad-disposizzjoni** tagħhom £600,000 minn bank lokali, **bħala alternativa**: hu iżid, però illi *dan* purkè l-arranġament ikun għas-soddisfazzjoni tal-Gvern: "Huwa dejjem il-Gvern", hu qal, "li jrid ikun soddisfatt tant rigward il-bank kemm

taħt liema kondizzjonijiet il-flus isiru disponibbli". Hu żied ukoll u għamel enfasi illi r-rappreżentanti tal-Gvern, fid-diskussjonijiet, dejjem insistew illi £300,000 iridu jkunu "risk capital" u b'dan hu dejjem fehem illi dan irid ikun kapitali personali ta' l-appellanti, u huma jkunu jistgħu jisselfu biss it-£300,000 l-oħra. "It-tielet kondizzjoni magħmula fl-inkontru tat-28 ta' Lulju, 1965......trid tiftihem fil-kontest li semmejt, jiġifieri mis-£600,000 'messe a disposizione' £300,000 riedu jkunu dejjem kapital tagħhom personali".

Dottor Mizzi xehed illi fis-seduta in kwistjoni Dottor Tufigno qal lil parti l-oħra illi l-Gvern kien iddeċida li biex ikompli jittratta magħhom ried illi huma, fi żmien ħmistax il-ġurnata — li mbagħad ġew estiżi sas-16 ta' Awwissu — jipproduċu prova konkreta tal-finanzjament. Imbagħad qamet kwistjoni fuq xi provi kellhom jipproduċu. Sa dak il-ħin Dottor Giuffrida kien jgħid illi hu ma għandux flus Malta u li għandu l-flus kollha lesti l-Italia u d-diffikoltà tiegħu kienet kif iġib il-flus Malta. Dottor Giuffrida qajjem żewġ diffikoltajiet, waħda għar-rigward tat-trasferiment tal-valuta mill-Italja għall-Malta u l-oħra dwar il-garanzija bankarja. Qal illi l-valuta ma setgħax jittrasferiha u li sata jagħmel kien li jixtri l-materjal l-Italja bil-flus li għandu hemm u jibgħat il-materjal hawn Malta. Aħna għadnilu — żied jgħid Dr. Mizzi — illi hemm żewġ diffikoltajiet da parti tal-Gvern, waħda li jrid iħallas l-ispejjes tal-kostruzzjoni hawn Malta, u hu qal illi dawn iħallashom mill-grant li jatih il-Gvern, u l-oħra hija illi kif il-Gvern Malti jista ma jħallix li ssir l-esportazzjoni tal-materjal mingħajr kontra valuta, hekk ukoll sata jagħmel il-Gvern Taljan. Għalhekk aħna tlabnih biex jġib dikjarazzjoni mingħand il-Ministeru responsabbli li dan effettivament sata jsir. Id-diffikoltà l-oħra kienet illi aħna ridna prova bankarja mingħand bank

aċċettabbli għall-Gvern illi Dottor Giuffrida effettivament kellu dawk il-flus. Dottor Giuffrida qalilna illi l-prova bankarja sata jġibha sal-15 ta' Awissu, mentri rigward id-dikjarazzjoni mingħand il-Ministeru responsabbli taljan għat-trasferiment tal-valuta ma jlaħħaqx iġibha f'dak iż-żmien peress illi kien ġej il-Ferragosto. Għidnilu — żied jgħid Dr Mizzi — li ma kellniex awtorità minn għand il-Gvern biex nestendulu dak il-perjodu. Kieku l-kumpanija kellha l-flus tagħha hawn Malta ma konniex nimponu dawk il-kondizzjonijiet.

Dottor Mizzi kompla jgħid illi hu ma jaqbilx li saret il-kondizzjoni Nru. (3) kif miktuba fil-verbal ta' Dottor Giuffrida. L-ewwel żewġ kondizzjonijiet saru għaliex Dottor Giuffrida qal illi l-kumpanija kellha l-flus lesti l-Italja. L-atteġġjament ta' Dottor Giuffrida, sa dik inhar tal-laqgħa kien li ried żmien biex jipproduċi prova tal-flus li kellu u tat-trasferibilità tagħhom hawn Malta. Rigward it-tielet kondizzjoni "għandi ngħid" — qal Dr. Mizzi — "illi ma nafx li din issemmiet u kieku issemmiet ma kienitx issir bħal ma hi imniżżla fil-verbal għaliex il-policy tal-Gvern kienet dak iż-żmien, u anki hekk għada sal-lum, illi jkun hemm terz tal-kapital rikjest għall-proġett versat bħala "risk capital" fil-kumpanija, terz jingħata bħala grant mill-Gvern u t-terz l-ieħor jista jissellef jew mis-shareholders jew mill-kumpanija. Rigward ir-risk capital konna nesiġu u għadna nesiġu illi jrid ikun effettivament tal-kumpanija u mhux misluf lill-kumpanija: dan jista jkun misluf purkè, però, is-shareholders ikollhom biżżejjed beni biex jagħmlu tajjeb għal dak is-self. It-terz l-ieħor li mhux 'risk capital' jista jissellef b'garanzija li tagħti l-kumpanija, normalment bi privileġġ fuq il-proġett stess. Normalment il-kumpanija l-ewwel tuża ir-'risk capital' tagħha mbagħad il-flus mislufa mill-bank. Qatt ma ppermettejna finanzjament totali minn

bank ħlief f'każ wieħed fejn kien hemm ċirkostanzi partikolari......Neskludi assolutament li sata sar diskors fis-sens "che se la compagnia potesse avere la messa a disposizione dell'ammonto di £600,000 sterline a Malta da una banca locale, le due precedenti condizione sono da ritenersi nulle". l-għaliex dan kien fisser illi l-banka kienet tkun tista tiffinanzja l-proġett kompletament hi u, dan kien kontra l-policy ta' dak iż-żmien u ta' issa. Aħna dak inhar konna qegħdin nittrattaw ma (Dottor Giuffrida) għaliex qalilna illi l-kumpanija għandha l-flus lesti l-Italja u għalhekk għidnilu: "Mela la l-kumpanija għandha l-flus l-Italja faċli għalik li fi żmien ħmistax il-ġurnata iġġibilna l-prova ta' dan".

Forsi hawnhekk jista jiġi interpolat dan ir-reliev. Bħala r-raġuni għaliex is-soċjetà appelanti ma satax ikollha finanzjament minn flus provduti minn finanzjaturi fl-Italja, Dottor Giuffrida isemmi illi **fit-tieni semestru ta' l-1963** fl-Italja saret varjazzjoni rigward il-permess għall-esportazzjoni ta' valuta fis-sens illi l-awtoritajiet Taljani ma baqgħux jagħtu permess. Intant sas-6 ta' Ottubru, 1964 Dr. Degiorgio kien għadu jikteb, kif intqal, illi "the whole cost of the project without any outside help" kien ser jiġi assunt mis-soċjetà u sal-11 ta' Ġunju, 1965, il-Banca S. Agata, fuq talba tas-soċjetà appellanti, kienet għada tikteb illi s-soċjetà kellha "tutte le possibilità di aver a sua disposizione i fondi necessarji per tutte le spese del costruendo albergo".

Dottor Tufigno xehed illi, għalkemm ma jiftakarx il-kliem eżatt li uża dik inhar, hu insista illi £300,000 kellhom ikunu tal-kumpanija, u biss il-kumplament ta' £600,000 sata jkun flus mislufin lilhom. "Jiena għidt lil Dottor Giuffrida, illi l-Gvern biex ikompli jittratta magħhom ried li huma jipproduċu prova bankarja mingħand bank aċċettabbli lill-Gvern li l-kumpanija għandha l-flus u tista iġġibhom Malta.

*Niftakar li Dottor Giuffrida qajjem ħafna diffikoltajiet u qal li tajnih ftit taż-żmien u semma il-Ferragosto.* Huwa qal li mill-Italia ma setax iġib flus hawn Malta u jiena għidtlu li reċentement kellna negozjati ma nies mill-Italja li kellhom bżonn il-flus minn barra u ġibuhom. Ma naħsibx li kont insib oġġezzjoni kieku dak li ġie mitlub mill-kumpanija għamlitu hawn Malta purchè ikollha t-£300,000 tagħha bħala *risk capital*, u mhux sempliċi mutwu magħmul lilha...... Jiena għamilt dejjem enfasi kbira illi l-finanzjament irid ikun għas-soddisfazjon tal-Gvern, kif ukoll kellha tkun għas-soddisfazzjoni tal-Gvern il-banka. Kull ma jiġi diskuss fis-seduti konna nirriferuh lil Ministru u għalhekk dejjem kont nagħmel enfasi fuq l-element diskrezzjonali tal-Gvern. *Meta saru s-suġġerimenti tat-28 ta' Lulju, jiena kelli kontatti preċedenti mal-Gvern għal dak li hu l-punto di partenza tad-diskussjoni.* Rigward dak li hemm imniżżel fid-dokument 'G' bħala t-tieni kondizzjoni, għandi ngħid illi din ridtha jiena, però ridt ukoll illi nara t-termini tal-permess relativ biex inkun naf x'kondizzjonijiet hemm fih. Rigward dak li hemm imniżżel fid-dokument 'G' bħala t-tielet kundizzjoni, ma niftakarx illi għidtha jew li qalha ħaddieħor, u ma nistax nikkonċiljaha ma l-atteġġjament ta' l-istess Dottor Giuffrida il għaliex hu kien għamel enfasi kbira, biex ma ngħidx irvell, dwar li konna qegħdin impoġġuh f'posizzjoni li ma setax jagħmel dak li ridna minnu għaliex qal illi, peress li kienu ġejjin il-festi tal-Ferragosto u l-uffiċċji governativi jaħdmu bi staff ridott, kienu ikun għalih kważi impossibbli li jġib iċ-ċertifikat governattiv li konna tlabnih. Rigward il-flus dejjem tana l-impressjoni li kienu lesti l-Italja, però ma setax iġibhom minħabba diffikoltajiet valutarji u għalhekk talab żewġ dilazzjonijiet biex iġib il-flus. Rigward dak li hemm imniżżel bħala t-tielet kondizzjoni għandi ngħid ukoll illi Dotor Giuffrida bilfors kien ikollu iġib flus mill-Italja għaliex ma satax ikollu hawn Malta £300,000 bħala tiegħu, ossija l-flus bħala "risk capital" tas-

soċjetà, jiġifieri kapital li sata jitlef hu u sħabu. Rigward dak il *hemm imniżżel fid-dokument 'G' bħala r-raba punt,* għandi ngħid li dan kont ridtu jiena biex ikun hemm terminu finali ħalli wieħed jasal għaliex għall-ewwel il-kumpanija kienet *tiġi* bi proġett u mbagħad meta jaraw li ma jistgħux jaslu għalih jagħmlu suġġeriment għall-proġett ieħor (rigward il-parti finanzjarja) u jerġgħu ma jaslux. Jiena għalhekk kont insistejt li jkun hemm dan it-terminu: u dan, kif jidher minnu stess, jirriferixxi għad-dikjarazzjoni bankarja u d-dikjarazzjoni governattiva mill-Italja. Kienet sorpriża għalija meta in segwitu ġew preżentati id-draft agreements li kienu juru li saru xi arranġamenti bankarji lokalment......It-terminu qasir inponejtu biex jekk Dottor Giuffrida għandu xi ħaġa x'iġib iġibha, l-għaliex rajt li ma kienx *hemm serjeta u anki għaliex* kelli *riferenzi* diżastrużi rigward is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu.

Tant Dottor Giuffrida, kemm Dottor Degiorgio xehdu illi, rigward il-kapital li kellu ikun riskjat bħala kondizzjoni ta' l-operazzjoni, huma saru jafu l-ewwel darba minn għand John Pollacco wara *li kienu marru l-uffiċju ta' l-exchange control.* Dottor Giuffrida żied jgħid illi fl-okkażżjoni li ssemma r-risk capital dan ma ġiex kollegat ma illi l-kapital għandu jkun *interament* ta' proprietà oriġinali tas-soċji. Dottor Degiorgio qal ukoll illi meta ssemma ir-risk capital ma intqalx illi dan għandu jkun personali tas-soċji "imma ntqal illi għandu jkun tal-kumpanija".

Dwar l-avvenimenti li ġraw wara dik il-laqgħa tat-28 ta' *Lulju, il-Qorti ma jidhriliex li hu l-każ* li ssemmi d-dettalji kollha. Dottor Degiorgio xehed illi wara l-aħħar seduta hawn fuq imsemmija "kellhom il-fortuna li jintaqgħu għall-għarrieda *ma* Cecil Pace *jew xi* ħaddieħor tal-Bank of In-

dustry, Commerce & Agriculture, Ltd. u dawn aċċettaw li jiffinanzjaw il-proġett." Raw kif kien għamel ħaddieħor billi akkwistaw id-dokumenti kollha relativi għal li "Spinola Development Corporation" u adottaw l-istess pattern. Fis-27 ta' Awwissu 1965 Dr. Degiorgio bagħat lil Board l-ittra li magħha akkluda l-ittra ta' dak il-bank datata 26 ta' Awwissu 1965. Fl-ittra tiegħu Dr. Degiorgio qal, fost ħwejjeġ oħra, —

"In the certainty that we have now fully satisfied the necessary requirements and those agreed upon at the meeting held at the Attorney-General's Office on the 28th July, 1965, we kindly ask you to fix a meeting as early as possible in order to finalise the deeds of grant and emphyteusis".

B'risposta għal din l-ittra l-Board bagħat lil Dr. Degiorgio l-ittra datata 18 ta' Settembru, 1965 li fiha, fost affarijiet oħra, intqal illi l-ittra ta' Dottor Degiorgio ma kienitx taqbel mal-kontenut ta' ittra mibgħuta mill-bank lill-Accountant General għall-finijiet ta' l-exchange control u issokta jingħad —

"3. Your clients' intentions can only be made clear to the Government by the production of an advance copy (duly initialled by the parties concerned) of the full text of the draft deeds to be entered into between the Bank of Industry, Commerce & Agriculture Ltd., and

a) Dottor Giuffrida and Sig. Mammana,

b) The Finanziaria Italiana Gestioni governing the financial arrangements referred to in para. 2 here-

of.

4. I am to point out that the term within which the Government was to be fully satisfied by your clients with regard to the availability of the necessary finance for the said project has expired on August 31, 1965. Unless, therefore, by September 24, 1965, the position to the Government regarding suitable financial arrangements available to your clients will have been made perfectly clear by the production of the documents referred to in para 3 hereof, and unless the contents of such documents, together with other information available to the Government, will be such as to fully satisfy the Government, the negotiations regarding the grant of financail assistance and the conveyance of land at Manoel Island will be considered as definitely and unsuccessfully closed.

5. A further extension of the time beyond September 24, 1965 will not be granted even if, as has been done in the present instance, another departure will be made from the pattern of the financial arrangements proposed, however attractive to the Government such departure may be considered by your clients. The repeated change by your clients of the basis and pattern of the arrangements can no longer be conceded by the Government as a supervening opportunity to extend the time of compliance by your clients with the Government's requirements.

6. In order to avoid any misunderstanding which may have arisen in the past, your clients' representations on the foregoing and other matters will only be accepted in writing and it is not considered, therefore,

that any purpose will be served in arranging any meetings to discuss the matter.

Għal din l-ittra is-soċjetà appellanti ipprotestat bl-ittra tagħha datata 20 ta' Settembru, 1965.

Fl-24 ta' Settembru, 1965 ġew forniti lill-Gvern il-minuti tal-kuntratti kif propost li kellhom isiru bejn il-BICAL u Dottor Giuffrida u Salvatore Mammana f'isimhom proprju u l-BICAL u s-soċjetà appellanti; segwiti mill-ittri tas-soċjetà lill-Board tas-27 ta' Settembru, 1965 li kienet takkludi xi verbali magħmulin minn Dottor Giuffrida ta' xi inkontri ma uffiċjali tal-Gvern.

Fl-aħħar hemm l-ittra tal-Board tal-5 ta' Ottubru, 1965 li biha s-soċjetà ġiet informata illi l-arranġamenti finanzjarji proposti minnha ma kienux kunsidrati soddisfaċenti mill-Gvern u li għalhekk l-offerta kondizzjonali ta' għajnuna finanzjarja magħmula fit-8 ta' April, 1965 kienet revokata u ma kienitx ser tingħata konsiderazzjoni ulterjuri għall-proġett tal-kumpanija.

Sa hawnhekk dwar il-kwistjoni ta' l-arranġamenti finanzjarji.

Rigward id-diskussjonijiet fuq il-konċesjoni enfitewtika, Dottor Giuffrida xehed illi ma l-ittra tal-Board tat-8 ta' April, 1965 kien hemm pjanta li turi l-art tal-konċessjoni. Fil-10 ta' Lulju, 1965 hu, flimkien ma Dottor Degiorgio u Lino Tabone intaqgħu ma Dottor Mizzi u John Pollacco fil-Lands Office biex jeżaminaw il-proġett preliminari tal-lukanda u s-siting tagħha fuq l-art konċessa. Il-konfini ta' l-art kienu ġa jidhru fil-pjanta Dok. E u kienu ġew markati bl-aħmar mill-Gvern. F'dik il-laqgħa hu (Dr. Giuffrida) ir-

rileva lil Dr. Mizzi illi, fil-waqt li jaċċetta l-art kif konċessa bl-ittra tat-8 ta' April, 1965, kien jippreferixxi li jvarja l-posizjoni, għax kien fl-interess tal-kumpanija u l-Gvern illi l-lukanda tinbena u tiġi spustata fli strip tal-kosta South/West li tħares lejn l-Imsida. Il-kumpanija kienet lesta biex tirrinunzja għal biċċa art kbira in-naħa ta' wara u minflokha tirċevi biċċa ħafna iżgħar ma xatt il-baħar. Dr. Mizzi fehem u issuġġerixxa illi l-kumpanija tippreżenta pjan ieħor bis-site eżatt tal-lukanda u ta' l-amenitajiet tagħha u relazzjoni dettaljata dwar il-proġett u deskrizzjoni ta' kif setgħu jiġu użati l-imħażen. Qabel ma spiċċat il-laqgħa hu (Dottor Giuffrida) staqsa jekk kienx hemm xi tibdil fid-drafts tal-'grant' u tal-konċessjoni enfitewtika li diġa kellu f'idejh. Dottor Mizzi irrisponda illi jekk kienu ta' l-1962 ma kienx hemm modifiki. Dottor Giuffrida staqsa kemm kien ser ikun iċ-ċens u Dottor Mizzi wieġeb li kien ser ikun ħaġa nominali minħabba n-natura tal-konċessjoni u kien jilħaq ftit mijiet ta' liri fis-sena. Dottor Giuffrida irrimarka illi allura ma setax ikun aktar minn £500 fis-sena, ħaġa li Dottor Mizzi ammetta. Allura Dottor Giuffrida ipprometta li fi żmien jumejn jissottometti l-pjanta l-ġdida. Fil-fatt hu ppreżenta d-dokumenti fit-13 ta' Lulju, ċioè il-pjanta tal-lukanda u pjanta ta' kamra bħala tip (dik fol. 16) u r-relazzjoni dwar il-proġett tal-lukanda u l-użu ta' l-imħażen. Fid-19 ta' Lulju, Dottor Giuffrida, flimkien ma Dottor Degiorgio u Lino Tabone reġgħu intaqgħu ma Dottor Mizzi biex jiddiskutu d-dokumenti preżentati fit-13 tax-xahar. Dottor Mizzi ma riedx jikkonċedi iżjed art lejn il-baħar u raġa waqa fuq is-sit tal-pjanta oriġinali. "Ma stajna nikkonkludu xejn għaliex, kif għidt. Dr. Mizzi raġa lura prattikament għal-art ta' qabel u ma riedx jimmolla meta ippruvajt nikkonvinċih. Jiena issuġġerejt li nagħmlu aċċess fuq il-post flimkien ma l-esperti tal-Gvern, però hu ma aċċettax......ma kienx baqagħli ħlief li nirritorna għall-pjanta oriġinali. F'dan il-punt staqsejt jekk il-kuntratt satax jiġi miktub u iffirmat u Dr Mizzi irris-

ponda li rigward id-Dipartiment tiegħu ma kellu xejn iżjed xi jgħid imma kienet mistennija s-soluzzjoni tal-kwistjoni finanzjarja". Fil-kontroeżami Dottor Giuffrida qal: "Rigward l-art li kellna nieħdu ma ġiex iffissat il-kejl tagħha imma ġew delineati il-konfini. Kif għidt diġa, iċ-ċens ma ġiex stabbilit bħala ċifra imma konna tkellimna fuq massima ta' £500 li jiena aċċettajt. Il-perjodu ta' l-enfitewsi kellu jkun ta' 99 sena li jiena kont aċċettajt verbalment. Il-kondizzjonijiet l-oħra ta' l-enfitewsi kienu imniżżlin fid-draft ......Rigward l-aċċettazzjoni da parti tagħna taċ-ċens u tal-kondizzjonijiet ta' l-enfitewsi ma saritx korrispondenza. Dan sar biss verbalment ma l-Avukat Mizzi".

Dottor Degiorgio xehed: "Fuq l-enfitewsi tkellimna u sirna nafu li l-ammont taċ-ċens li Dottor Mizzi kien jirrikjedi kien ikun 'in the region of five hundred' u minn għalija kien semma "ceiling", però ma niftakarx preċiż kemm kien ......Rigward is-sit (Dottor Giuffrida) kien ipproponа li jneħħi biċċa minn ta' wara u jieħu biċċa lateralment minnflokha biex is-sit ikun ta' forma aktar regolari. Dottor Mizzi kien qal illi fuq is-sit ma jkunx hemm kwistjoni purkè il-kwistjoni finanzjarja tiġi issetiljata. Jiena ma kontx preżenti f'xi tnejn mill-inkontri li saru li fihom kien ikun preżenti Dottor Giuffrida jew, qablu Dottor Gueci. Jidhirli li ma kontx preżenti fl-inkontru meta ġie diskuss l-ispostament tal-konfini. Jiena nista ngħid li kien hemm aċċettazzjoni da parti tal-klienti tiegħi u kien jonqos l-outline preċiż ta' l-art u l-punt tal-canone. Għar-rigward ta' l-outline għandi ngħid illi s-sit bħala sit kien aċċettat però il-parti tratteġġjata tal-konfini, billi kienet spostabbli "through negotiations" setgħat tiġi alterata. L-atteġġjament tal-klienti tiegħi kien li huma jaċċettaw l-art offerta billi kien il-Gvern li kien qed joffri l-art, però possibilment jinnegozjaw għal tibdil ta' l-esten-

*sjoni, u fil-każ li l-Gvern jirrifjuta joqogħdu għall-offerta'.* Fil-kontroeżami Dottor Degiorgio ġie mistoqsi: "Qatt sar diskors ma Dottor Mizzi illi s-sit indikat mill-Gvern huwa aċċettat mill-klienti tiegħek, però sejrin jagħmlu negozjati rigward alterazzjoni ta' l-istess sit u fil-każ li dawk in-negozjati ma jkollhomx suċċess, il-klienti tiegħek jieħdu s-sit oriġinali?" Dottor Degiorgio irrisponda "Le: però ma l-ittra tat-8 ta' April, 1965 kien hemm pjanta annessa. In segwitu waqt diskussjonijiet ma Dottor Mizzi sirna nafu illi l-linji tratteġġjati huma soġġetti għal spostament b'negozjati. Qiegħed nirriferixxi għall-pjanta Dok. Z fol. 71. In linea ta' massima il-kumpanija aċċettat verbalment is-sit offert però Dottor Giuffrida kien għamel suġġeriment għal spostament in bażi li kienet aperta għan-negozjati l-parti tratteġġjata tal-konfini: Dottor Giuffrida ried jinnegozja għal sit aktar raġonevoli a tenur ta' l-istess offerta tal-Gvern. Niftakar li Dottor Giuffrida ried jirrinunzja għal biċċa art kbira minn dik tal-pjanta u minflokha jatuh biċċa art iżgħar aktar lejn il-Gzira l-għaliex qal illi jkun assurd li jibni l-lukanda wara l-imħażen. Sa fejn naf jiena waqafna hemm, jiġifieri li d-diskussjonijiet fuq is-sit sal-lum waqfu hemm" (fol. 153).

Lino Tabone, ikkonferma fis-sostanza dak li xehed Dottor Giuffrida (fol. 103-5).

Dottor Edgar Mizzi xehed illi d-diskussjonijiet li saru miegħu (dwar il-konċessjoni enfitewtika) kienu biss fuq l-art jiġifieri fuq l-estensjoni ta' l-art u l-ubikazzjoni tal-proġett. L-estensjoni ta' l-art ma kienitx definita għaliex biex tingħata dik l-estensjoni kellha tkun "fully utilised" b'mod aċċettabbli lill-Gvern. It-'terms and conditions' tal-konċessjoni ma tkellimnix fuqhom. L-ispecimen tal-kuntratt iservi biss biex wieħed jittratta jew jinnegozja, iżda dejjem bir-

riżerva li jsir it-tibdil li jkun meħtieġ skond iċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari. Rigward iċ-ċens mhux veru li semmà, wisq inqas li aċċetta, li *ma* jkunx aktar minn £500. Dottor Giuffrida ma kienx aċċetta l-art offerta mill-Gvern għaliex insista li dik l-art ma kienitx tajba għal lukanda u baqa li jrid ħaġa oħra. Meta hu (Dottor Mizzi) ra li sija fuq l-art kemm fuq il-finanzi ma kienx faċili li wieħed jasal, hu qal lil Dottor Giuffrida li jissospendu d-diskussjonijiet kollha fuq l-art sa *kemm* tiġi deċiża l-kwistjoni finanzjarja u ma sarux aktar *diskussjonijiet* fuq l-art (fol. 291-3). Dr. Mizzi kompla jgħid illi l-ittra tas-soċjetà tat-13 ta' Lulju, 1965 (fol. 83) li fiha l-kliem "Premessa l'accettazione di tutto quanto concesso con lettera 8 aprile......" ma tfisser xejn, i għaliex fl-ittra tat-8 ta' April, ma kinitx definita l-estensjoni ta' l-art u kien għad iridu jiġu diskussi t-termini tal-kuntratt u jiġi *sottomess* u approvat *pjan* ta' l-utilizzazzjoni ta' l-art, ħaġa li sal-lum għad ma sartix. Dak il-proġett kellu jiġi sottomess sat-18 ta' Lulju, 1965".

Dawn huma l-fatti l-aktar rilevanti.

*Ikkunsidrat* —

Il-pretensjoni ta' l-*appellanti*, *kif esposta* fiċ-ċitazzjoni hi illi huma aċċettaw l-offerta u l-kondizzjonijiet kollha indikati fl-ittra tal-Gvern tat-8 ta' April, 1965 u aċċettaw ukoll l-abbozzi governattivi tal-kuntratti li ġew konsenjati lilhom u aċċettaw il-kondizzjonijiet finanzjarji speċifikati finalment mill-Gvern *fit-28 ta' Lulju*, 1965 billi għażlu t-tielet alternattiva u għamlu dak kollu li kien hemm bżonn biex jottemperaw ruħhom mal-kondizzjonijiet rikjesti mill-Gvern. Għalhekk — huma jgħidu — il-Gvern ma kellu ebda dritt jirrevoka l-offerti tiegħu stanti r-rapporti kontrattwali li kienu ġew definiti. In bażi għal dawn il-premessi l-ap-

pellanti talbu li l-Qorti tiddeċidi u tiddikjara illi huma ittemperaw ruħhom u issoddisfaw il-kondizzjonijiet kollha rikjesti mill-Gvern ta' Malta għall-finijiet ta' l-assistenza taħt l-Aids to Industries Ordinance 1959 inkluża l-grant fuq indikata u l-konċessjoni enfitewtika għal 99 sena tas-sit mifti-ħem f'Manoel Island u li għalhekk ir-revoka unilaterali magħmula bl-ittra tal-5 ta' Ottubru, 1965 hija nulla u mingħajr effett, b'riżerva ta' kull azzjoni oħra.

Bis-sentenza appellata, l-ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet il-pretensjoni ta' l-appellanti billi laqgħet l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet ta' l-appellati. Dawn l-eċċezzjonijiet kienu fis-sens illi.

(1) id-domanda ta' l-appellanti ma kienitx ammissibbli għax fi kwalunkwe każ il-Qorti ma kelliex ġurisdizzjoni li tikkostrinġihom li jkomplu jew jikkonkludu n-negozjati speċjalment f'kuntratti li għall-eżistenza tagħhom jirrikjedu ċerti formalitajiet, u ovvjament id-domanda ta' l-appellanti hi preordinata għal dan l-iskop għax altrimenti m'hemmx interess: (3) dwar l-għoti ta' l-art offerta, anki kieku l-offerta kienet aċċettata — dak li hu negat — ma kienitx vinkolanti, għax kienet sempliċement tindika l-art li fuqha setgħu jsiru negozjati u l-Gvern sata jaqta' t-trattativi meta jrid u dwar l-għoti tal-grant, apparti mill-kondizzjonijiet partikolari ta' l-istess, huma ukoll dipendenti mill-għoti ta' l-art.

L-ewwel Onorabbli Qorti wara li esponiet il-fatti, bdiet biex irrilevat illi l-appellanti, bil-kawża preżenti qiegħdin jippromwovu ġudizzju ta' aċċertament bħala bażi ta' azzjoni futura, liema azzjoni futura ovvjament tkun rivolta biex tikkostrinġi lill-appellati jikkonkludu definitivament kuntratt ta' grant finanzjarju kombinat ma kuntratt ta' konċessjoni

enfitewtika tas-sit f'Manoel Island. Imbagħad l-ewwel Qorti qalet illi mill-provi testimonjali u dokumentarji prodotti kienet soddisfatta illi, meta l-ittra tal-5 ta' Ottubru, 1965 ittronkat *it-trattativi ma kienx għad hemm rabta bejn il-kontendenti* dwar il-proġett, imma kienu għadhom fi stadju ta' negozjati. Il-provi juru illi l-evidenza finanzjarja, ċioè dak li kien qed jiġi diskuss fi stadju preliminari, kienet waħda biss *mill-kondizzjonijiet* illi l-kumpanija appellanti kellha tissoddisfa. Anqas n-negozjati dwar il-konċessjoni ta' l-art *ma* kien għad ġew konkjużi *b'mod vinkolanti* għax żgur li ma kienitx saret rabta definitiva, bil-formalitajiet rikjesti mil-liġi rigward il-kondizzjonijiet kollha ta' l-enfitewsi. Għalhekk, apparti l-finanzjament tal-proġett kienx soddisfaċenti għall-Gvern, apparti illi l-kuntratti tant tal-grant kemm ta' l-enfitewsi kien ikollhom dejjem jiġu finalment approvati mill-awtoritajiet kompetenti, hu evidenti — ikkonkludiet l-ewwel Onorabbli Qorti — illi t-trattativi u negozjati li saru ma *waslux* għall-punt legalment vinkolanti, għax anki jekk wieħed jipprexxindi minn kull konsiderazzjoni oħra, il-mankanza ta' ftehim bil-miktub bejn il-kontendenti dwar l-elementi essenzjali kollha ta' l-enfitewsi, mingħajr liema ebda grant finanzjarju ma sata jseħħ, iġib illi l-appellanti ma għandhomx bażi għal kawża oħra li tista ssir fil-futur.

Ikkunsidrat —

L-ewwelnett din il-Qorti hi kjarament ta' fehma illi Dottor Biagio Giuffrida, in kwantu deher f'din il-kawża personalment u bħala prokuratur ta' Salvatore Mammana, m'għandu ebda 'locus standi' u fi kwalunkwe każ, m'għandux azjoni relativament għad-domandi kif magħmula biċċitazzjoni. Il-fatt biss, imsemmi fost il-premessi taċ-ċitazzjoni, illi Dottor Giuffrida u Salvatore Mammana "huma l-azzjonisti tas-soċieta Finanziaria Italiana Gestioni u azzjo-

nisti tas-soċjeta Maltija kostitwenda għal finalizzazzjoni tal-kuntratti," ma jgħatihomx locus standi jew azzjoni. L-offerta fl-ittri imsemmija fiċ-ċitazzjoni saret lis-soċjeta u mhux lill-azzjonisti personalment, u s-soċjeta, kostitwita bħala soċjeta b'responsabbilita limitata, hi persuna legali distinta mill-persuni fisiċi ta' l-azzjonijisti. In-negozjati u diskussjonijiet saru mas-soċieta ossia l-ewwel ma Dottor Gueci u mbagħad ma Dottor Giuffrida bħala rappreżentanti tas-soċjeta. Dottor Giuffrida stess xehed — dak li hu del resto evidenti — "il-Gvern ittratta mal-kumpanija u mhux miegħi personalment" (fol. 339). L-applikazzjoni saret mis-soċjeta, u l-kondizzjonijiet li ġew imposti lis-soċjetà u jekk ġew adempjuti setgħu biss ġew adempjuti mis-soċjeta. Anki jekk xi kondizzjoni kellha tiġi soddisfatta ukoll mill-azzjonisti fir-rapport mas-soċjeta, quddiem il-Gvern il-kondizzjoni kienet rikjesta mis-soċjeta. L-ittra tar-revoka ta' l-offerta ġiet indirizzata lis-soċjeta.

Hu ovvju, għalhekk, fil-fehma tal-Qorti illi d-domandi kif magħmula fiċ-ċitazzjoni jistgħu jiġu ikkunsidrati biss fir-relazzjonijiet mas-soċjeta. Fir-rapport ma Dottor Giuffrida u Salvatore Mammana personalment dawk id-domandi ma jistgħux jiġu kkunsidrati, jew, ad ogni modo ma jistgħux lanqas jiġu milqugħa, għaliex taħt l-ebda ipotesi konsistenti mar-realtà tal-fatti ma jista jingħad illi lilhom personalment saritilhom xi offerta jew illi huma ottemperaw ruħhom jew issoddisfaw xi kondizzjonijiet rikjesti mill-Gvern għall-finijiet ta' l-applikazzjoni għall-assistenza.

Għalhekk it-talbiet magħmulin fiċ-ċitazzjoni in kwantu magħmulin minn Dottor Giuffrida personalment u f'isem Salvatore Mammana ma setgħux, fi kwalunkwe każ, jiġu milqugħa u s-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti in kwantu ċaħdet dawk id-domandi hekk magħmula għandha tiġi,

kif qed tiġi minn issa, konfermata, bl-ispejjeż anki ta' l-appell kontra l-istess Dottor Giuffrida u Salvatore Mammana f'dik il-kwalità.

Ikkunsidrat rigward id-domandi magħmulin mis-soċjetà —

*Biċ-ċitazzjoni ġie mitlub illi l-Qorti tiddeċidi u tiddikjara* illi s-soċjetà appellanti ittemperat ruħha u *ssoddisfat* il-kondizzjonijiet kollha rikjesti mill-Gvern **għall-finijiet ta' l-assistenza taħt l-Aids to Industries Ordinance, 1959 inkluża l-grant u l-konċessjoni enfitewtika.**

Issa, indipendentement minn kwalunkwe ħaġa oħra, il-Qorti taħseb illi hu għal kollox manifest illi, skond il-provi li hemm fil-proċess, **ebda assistenza oħra** *taħt* l-Aids to Industries Ordinance, 1959 ma kienet in konsiderazzjoni jew diskussjoni fl-ebda mument bejn il-partijiet **ħlief** *il-grant* finanzjarju u l-konċessjoni ta' enfitewsi. Il-kelma "għajnuna" jew assistenza f'dik l-Ordinanza tfisser, skond il-definizzjoni ta' l-artikolu 2 tagħha, *"the reliefs referred to in* Part IV and Part V" ta' l-Ordinanza. Imkien fil-proċess, la fil-korrispondenza u lanqas fil-provi orali, ma hemm ebda aċċenn għal dawk ir-'reliefs' u minn imkien ma jirriżulta illi dawk ir-reliefs ġew offerti jew li saru xi kondizzjonijiet jew xi aċċettazzjoni dwarhom. Hu għalhekk ċar, fil-fehma tal-Qorti, illi kwalunkwe talba għal dikjarazzjoni mill-Qorti dwarhom hi barra minn lokha. Stando għall-*premessi ta'* l-istess ċitazzjoni — li jikkonfinaw it-termini tal-kontroversja — u stando, fi kwalunkwe każ, għall-provi, id-dikjarazzjoni setgħat se mai tintalab biss relattivament għall-grant finanzjarju u l-konċessjoni enfitewtika u mhux **inkluż**i dak il-grant u dik il-konċessjoni. Anzi l-fatt illi, fil-*kontemplazzjoni* tas-soċjetà, kellu eventwalment ikun hemm ukoll, oħre dak

il-grant u dik il-konċessjoni, anki dawk ir-riliefs, kombinat mal-fatt illi dwarhom kien għad ma saret ebda proposta jew diskussjoni ikompli juri kemm id-diskussjonijiet u n-negozjati, rigwardat il-proġett fil-kompless u l-interezza tiegħu, kienu għadhom fi stat ta' trattativi inkompleti.

Anki jekk, però, il-kwistjoni tiġi limitata — kif, fi kwalunkwe każ, għandha tkun limitata — għall-grant u l-konċessjoni enfitewtika, din il-Qorti taqbel ma l-ewwel Onorabbli Qorti illi, meta l-ittra tal-5 ta' Ottubru 1965 ittronkat it-trattativi, ma kienx għad hemm bejn il-kontendenti ebda vinkolu imma kienu għadhom fi stadju ta' negozjati.

Minn dana, dik l-Onorabbli Qorti ġibdet il-konsegwenza illi t-talba tas-soċjetà appellanti ma setgħatx isseħħ għaliex dik it-talba kienet intiża bħala bażi ta' azzjoni oħra futura. liema azzjoni tkun rivolta biex tikkostrinġi l-appellati jikkonkludu definitivament kuntratt ta' grant finanzjarju kombinat ma kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika tas-sit f'Manoel Island.

Sa fejn dik il-konklużjoni twassal, din il-Qorti taqbel magħhà. Fi kliem ieħor din il-Qorti taqbel illi, in kwantu il-kawża preżenti titqies li hi preordinata għal kawża oħra għall-esekuzzjoni speċifika tal-kuntratti ta' grant u konċessjoni enfitewtika, id-dikjarazzjonijiet mitluba ma jistgħux jingħataw għax ma jistgħux legalment iwasslu għal dak ir-riżultat. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, iż-żewġ kuntratti kontemplati kienu inxindibilment dipendenti l-wieħed mill-ieħor, cioè il-grant kien dipendenti mill-għoti ta' l-enfitewsi; mingħajr dina u l-bini tal-lukanda fuq is-sit in kwistjoni, ma kienx possibbli l-għoti tal-grant. Issa għal-validita jew aħjar għall-istess eżistenza ta' vinkolu bħala promessa ta' konċessjoni enfitewtika hi, fil-liġi tagħna, assolutament es-

senzjali *l-formalità tal-miktub* (att pubbliku jew skrittura privata) li jikkontjeni u jispeċifika l-elementi essenzjali kollha *tal-kuntratt*: *deskrizzjoni* ta' l-art, durata ta' l-enfitewsi, ammont taċ-ċens, *liema elementi* 'ex concessis' ma ġew qatt miftehmin bil-miktub — apparti illi, bħala fatt, din il-Qorti anqas hi ta' fehma li ġie pruvat li ġew definitivament miftehma mqar verbalment. Ġa la darba dan hu hekk, l-appellati ma jistgħux legalment ikunu kostretti illi jikkompletaw il-konċessjoni enfitewtika u jekk ma jistgħux jiġu kostretti li jagħmlu dan, anqas jistgħu ikunu kostretti — dan dejjem apparti konsiderazzjonijiet oħra — illi jikkompletaw il-għoti tal-grant dipendenti minnha.

Is-soċjetà appellanti, però tissottometti illi l-possibilita o meno ta' esekuzjoni speċifika ma hux l-uniku aspett li minnu għandhom jiġu rigwardati t-talbiet tagħha biex jiġi deċiż jekk għandhiex interess ġuridiku rigward tagħhom. Hi tipprospetta żewġ aspetti oħra li għandhom jiġu rigwardati cioè il-possibilita ta' responsabbilità ta' l-appellati għad-danni u l-interess tagħha li tiġġustifika ruħha, permezz taddikjarazzjoni tal-Qorti, mill-akkuża li hi ma ottemperatx ruħha għall-kondizzjonijiet miftehma.

Iżda dan ir-riliev, għalkemm f'ċirkostanzi oħra seta' *ikun* almenu għal dak li jirrigwarda l-possibilità ta' responsabbilità ta' l-appellati għad-danni, rilevanti u sostanzjali, *ma jidhirx fil-fehma tal-Qorti, li jista jgħin lis-soċjetà appellanti* fil-kawża preżenti **di fronti għad-domandi tagħha kif formulati.**

L-ewwelnett, in ġenerali, kif din il-Qorti irriteniet fil-kawża "Darmenia noe vs Borg Olivier noe" App. Ċiv. 18 ta' Frar, 1966, "fis-sistema aktarx segwit mill-Qrati tagħna, għad li ma humiex projbiti domandi diretti għall-otteniment

ta' sempliċi dikjarazzjoni li tista tkun pre-ordinata għal domanda oħra definitiva jew finali, avolja din ma tkunx dedotta, jinħtieġ illi l-Qorti tkun persważa illi dak ir-rimedju l-ieħor jista' jingħata, jekk ir-rimedju konsegwenzjali m'huwiex ottenibbli mill-Qorti, id-dikjarazzjoni ma tingħatax". Sentenzi merament dikjaratorji, meta r-rimedju li għalih jistgħu jkunu preordinati mhux biss mhux mitlub iżda lanqas jista jintalab mill-Qorti, għalkemm ammessi f'sistemi ta' liġijiet oħra u għalkemm jistgħu ikunu deżiderabbli in linea ta' żvilupp għall-futur, għad ma ġewx ammessi fil-ġurisprudenza tagħna.

Iżda fil-każ preżenti anqas dan m'hu fil-fehma tal-Qorti verament importanti. It-talba kif formulata fiċ-ċitazzjoni m'hijiex għal sempliċi dikjarazzjoni: it-talba vera u sostanzjali hi għal kundanna (dik tan-nullità) li għaliha is-soċjetà appellanti fil-fehma tal-Qorti ma għandhiex dritt lanqas fiċ-ċirkostanzi l-iżjed favorevoli għaliha li jistgħu raġonevolment jiġu prospettati: Hu essenzjali li jiġu preċiżati u analizzati sewwa it-termini tad-domanda. Dina titlob illi l-Qorti tiddikjara u tiddeċidi illi (s-soċjetà appellanti) ottemperat ruħha ma u issoddisfat il-kondizzjonijiet kollha rikjesti mill-Gvern għall-finijiet ta' l-assistenza taħt l-Aids to Industries Ordinance 1959 inklusa etc. etc., u li għalhekk ir-revoka unilaterali magħmula fl-ittra tal-5 ta' Ottubru, 1965 hija nulla u mingħajr effett.

Non si tratta, mela, ta' dikjarazzjoni illi s-soċjetà appellanti issodisfat il-kondizzjonijiet rikjesti, preordinata għal kawża oħra li tista talvolta tkun dik ta' danni, iżda si tratta ta' dikjarazzjoni premessa u preordinata għat-talba prinċipali illi ssegwiha fl-istess ċitazzjoni għad-dikjarazzjoni tannullità u ineffikaċja tar-revoka ta' l-offerta u tat-trattativi.

*Il-kliem "u li għalhekk" li jikkonġungu l-ewwel parti tad-*dikjarazzjoni mitluba mat-tieni parti juru li verament id-domanda magħmula hi waħda, ċioè dik tad-dikjarazzjoni tan-*nullità* u ineffikaċja tar-revoka li għaliha l-ewwel dikjarazzjoni kellha tkun il-bażi. Is-soċjetà appellanti qed titlob li r-revoka tiġi dikjarata *nulla u ineffikaċi* għaliex hi tgħid li *ottemperat* mal-kondizzjonijiet imposti.

Imma din id-domanda għad-dikjarazzjoni tan-nullità u ineffikaċja tar-revoka, is-soċjetà appellanti ma għandhiex dritt għaliha u kwindi ma jistax ikollha dritt għad-dikjarazzjoni l-oħra li, espressis verbis u fil-formula użata, hi intiża u preordinata għaliha.

Ġa intqal illi, fil-fehma ta' din *il-Qorti*, bejn il-partijiet kien għad ma hemm ebda kuntratt konkluż imma kien hemm negozjati jew trattivi li eventwalment kellhom iwasslu, kieku tkomplew, għal *konklużjoni* ta' kuntratt. Issa anki jekk jingħad, kif tgħid is-soċjetà appellanti, illi anki fil-fasi tat-trattativi tista teżisti ċerta responsabilità prekontrattwali jekk it-trattativi jiġu interrotti kapriċjosament (assumendo, għall-grazzja ta' l-argoment, li din id-dottrina hi aċċettabbli fil-liġi tagħna u li, bħala fatt, l-appellanti interrompew it-trattativi bla raġuni ġusta) ir-responsabilità li jista jkun hemm lok għaliha, skond l-awtoritajiet li ġew sottomessi għall-eżami tal-Qorti, hi dik biss tar-rifussjoni ta' ċerti danni, konsistenti fil-*miżura* ta' dak li jissejjaħ 'interess negativ'. L-attenzjoni tal-Qorti ma ġiet attirata għall-ebda awtorità u l-Qorti stess ma taf bl-ebda prinċipju li jgħidu illi parti waħda fit-trattativi jew negozjati ma għandhiex dritt tirreċedi minnhom jew tinterrompihom sa kemm il-kuntratt ma jkunx ġie konkjuż, *salva talvolta biss*, f'ċerti każi (jekk tiġi aċċettata *it-teorija* tar-responsabbilità prekontrattwali) dik ir-responsabilità għad-danni. Ħadd ma jis-

ta jkun kostrett, kontra l-volontà tiegħu, li ikompli finnegozjati jew trattativi jew, wara li jiddikjara li jirreċedi minnhom jew ma jridx ikomplihom, hi x'inhi ir-raġuni, li jarġa jiġi mqiegħed fi stat ta' trattativi jew negozjati: Fi kliem ieħor ir-reċess jew revoka tat-trattativi, 'anki jekk inġust jew arbitrarju, jista se mai jesponi lil dik il-parti għaddikjarazzjoni tar-responsabilità għad-danni iżda m'hemm ebda dritt fil-parti l-oħra li tannulla jew tiddikjara ineffikaċi ir-reċess jew revoka, bħalli kieku ma ġrawx.

Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti; it-talba tas-soċjetà appellanti, kif formulata, m'hix bażata fuq ebda dritt rikonoxxut lilha mil-liġi u ma tistax anki għal din ir-raġuni biss ... milqugħa.

Jekk din il-konklużjoni hi, kif il-Qorti jidhrilha, korretta, m'hemmx bżonn li jiġu eżaminati kwistjonijiet oħra. B'dana kollu l-Qorti tħoss li hu xieraq li teżamina kwistjonijiet oħra. B'dana kollu l-Qorti tħoss li hu xieraq li teżamina ulterjorment il-każ u tesprimi wkoll il-veduti li ġejjin.

S'intendi, il-kuntratt li dwaru saru t-trattativi bejn il-partijiet ma kienx kuntratt ordinarju kummerċjali u sempliċi ta' dritt privat bħal, per eżempju xiri u bejgħ ta' merkanzija partikolari bi prezz speċifikat, iżda kien negozju kompless b'element qawwi ta' dritt pubbliku li jidħol fl-isfera ta' l-amministrazzjoni pubblika li għaliha il-Gvern hu responsabbli mhux biss quddiem il-poplu u l-Parlament ta' Malta, iżda ukoll, sa ċertu punt, quddiem il-Gvern Ingliż. Si trattava ta' progett ta' entità konsiderevoli promoss minn soċjeta frustiera, li kien jinvolvi 'grant' ta' ma dwar kwart ta' miljun lira sterlina fi flus oltre konċessjonijiet oħra ta' valur bilfors rilevanti. Kienu flus li kellhom jinħarġu minn fondi pubbliċi ipprovduti taħt il-ftehim Finanzjarju bejn il-

Gvern Malti u l-Gvern Ingliż għall-iżvilupp industrijali ta Malta, inkluż it-turiżmu. In vista ta' dan, jidher naturali u ragonevoli dak li xehed John Pollacco fis-sens illi meta l-Gvern jiġi biex jikkunsidra applikazzjonijiet ta' din ix-xorta jieħu f'kunsiderazzjoni anki min huma l-applikanti u kif u minn min il-proġett ser ikun iffinanzjat u jidher naturali ukoll illi Gvern iżomm għalih innifsu id-deċiżjoni finali.

L-offerta ta' grant finanzjarju u ta' konċessjoni enfitewtika magħmula bl-ittra tal-Bord tat-8 ta' April, 1965 kienet offerta espressament kondizzjonata, soġġetta għall-kondizzjoni li jintlaħaq ftehim mal-Gvern fuq it-termini u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt u, soġġetta ukoll fost kondizzjonijiet oħra, għall-kondizzjoni illi, fiż-żmien hemm imsemmi is-soċjetà appellanti tipproduċi evidenza soddisfaċenti għall-Gvern illi kellha għad-disposizzjoni tagħha l-fondi neċessarji għan-nefqa fuq il-proġett.

Din il-Qorti, bħall-ewwel Onorabbli Qorti, hi soddisfatta illi, bħala fatt, "it-termini u l-kondizzjonijiet" tal-kuntratti sew dak tal-grant finanzjarju kemm dak ta' l-enfitewsi, kienu għad ma ġewx miftehma bejn is-soċjetà appellanti u l-Gvern. Iżda, peress illi l-offerta ġiet revokata u t-trattativi ġew interrotti mill-Gvern minħabba illi, fil-fehma tiegħu, ma ġietx soddisfatta mis-soċjetà il-kondizzjoni l-oħra dwar l-arranġamenti finanzjarji, il-Qorti ser tillimita ruħha għal dan l-aspett tal-kwistjoni.

Kif ġa intqal, il-potenzjalità finanzjarji ta' l-applikanti u l-mod li bih il-proġett li dwaru tkun saret applikazzjoni jkun ser jiġi finanzjat, huma ovvjament konsiderazzjonijiet rilevanti. Ga fl-ewwel parti ta' din is-sentenza il-Qorti għamlet riferenza għal dak li hemm stampat fil-ktieb li jitqassam mill-Board intitolat "General Information for applicants for

Assistence under the Aids to Industries Ordinance in relation to Hotel Projects". F'dak il-ktieb jingħad illi l-għajnuna taħt l-*Ordinanza* hi intiża biex tgħin il-bini u l-ġestjoni ta' lukandi "for which capable management is available **and for which the applicants are shown to be in a position to make an adequate contribution of their own** and to have raised or are in a position to raise as much finance as is necessary to complete the project." Jingħad ukoll fl-istess ktieb illi l-evidenza finanzjarja għandha tingħata permezz ta' dokumenti, emanenti mis-sources li minnhom il-finanzjament *ikun ġie* jew ser jiġi prokurat u anqas '*ittra ta' intent*' mill-isponsors ma hi meqjuża adegwata.

Il-Qorti ma taħsibx li jista jkun hemm kwistjoni illi, bħala fatt, sa l-aħħar mument, ċioè sa kemm ġew prodotti l-*minuti* tal-kuntratti tal-finanzjament li s-soċjetà u ż-żewġ azzjonisti kienu bi ħsiebhom jagħmlu ma BICAL, is-soċjetà appellanti kienet għada ma ipproduċietx ebda evidenza dokumentarja kif imsemmija fil-paragrafu preċedenti. Kien intqal illi s-soċjetà hija jew ser tkun "backed by the Banco di Sicilia and other outstanding *financing* elements": inveċe fil-proċess m'hemmx, fl-ittra tal-Banco di *Sicilia* fol. 198, ħlief dikjarazzjoni illi s-soċjetà "verrebbe eventualment finanziata" minn ċerti organizzazzjonijiet u ċerti persuni nominati u din id-dikjarazzjoni ingħatat "senza nostra garanzia nè responsabilità." Intqal fl-ittra oħra ta' Dottor Degiorgio (*fol.* 210) illi fost finanzjaturi *oħrajn* kellu jkun hemm l-"Anomina Bresciana Costruzioni" u l-"I.R.C.E.S.", iżda ebda dokument ma hemm fil-proċess emanat minn dawk is-soċjetajiet u Dottor Giuffrida xehed illi minn għandhom ma kellu xejn bil-miktub. Intqal ukoll fl-ittra l-oħra, ukoll ta' Dottor Degiorgio tas-6 ta' Ottubru, 1964 illi s-soċjetà ser tassumi hi stess il-'cost' kollu tal-proġett "without any outside help", inveċe irriżulta mill-provi illi, fil-fatt, is-soċ-

jetà appellanti ma tippossjedi pratikament xejn. Kien hemm fl-aħħarnett, l-ittra tal-Banca S. Agata illi l-Gvern mill-ewwel ma ikkonsidrax soddisfaċenti u lanqas l-apellanti stess, sa fejn jidher mill-proċess, ma għamlu ebda tentativ biex jiġġustifikawha.

Insomma sas-seduta fl-uffiċċju ta' Dottor Tufigno tat-28 ta' Lulju, il-Gvern ma kienx soddisfatt bl-evidenza finanzjarja prodotta mis-soċjetà, u hekk qal lir-rappreżentanti tagħha.

Issa kienu x'kienu eżattament il-proposti li, f dik is-seduta, saru da parti ta' Dottor Tufigno jew l-uffiċjali l-oħra governativi li kienu preżenti, din il-Qorti hi soddisfatta, bħala fatt, li dawk il-proposti kellhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni tal-Gvern jew tal-Ministru u li l-arranġamenti li jsiru in bażi għal dawk il-proposti kellhom ukoll ikunu soġġetti għall-approvazzjoni tal-Ministru u kellhom ikunu għas-sodisfazjon tal-Gvern. Dottor Tufigno xehed illi hu espressament u ripetutament, u anki f'dik is-seduta żamm għall-Gvern dik id-diskrezzjoni u f'din hu konfermat minn John Pollacco u l-Qorti jidhrilha li għandha taċċetta, bħala fatt, illi dik ir-riżerva saret.

Fil-fatt, meta saru l-arranġamenti bejn is-soċjetà appellanti u BICAL, l-advisers tal-Gvern dehrilhom illi, kunsidrat kollox, kompriżi apparentement informazzjonijiet li sadattant kienu ġew riċevuti dwar Dottor Giuffrida, dawk l-arranġamenti ma kienux soddisfaċenti u, l-Gvern iddeċida li jirtira l-offerta kontenuta fl-ittra tat-8 ta' April, 1965 u li ma jkomplix jagħti konsiderazzjoni għall-proġett tas-soċjetà appellanti.

Għalkemm tant Dottor Tufigno kemm Dottor Mizzi u

John Pollacco semmew raġuni għaliex dawk l-arranġamenti ma kienux, fil-fehma tagħhom, soddisfaċenti u ċioè illi s-soċjetà ma kienitx ser tirriskja ebda kapital tagħha u dan kien kontra l-policy tal-Gvern, Dottor Tufigno iddeklina li jispeċifika fid-dettal x'kien il-parir li hu ta lill-Gvern u f'liema punti l-arranġamenti li kienu ser isiru mal-BICAL ma kienux aċċettabbli mill-Gvern.

Il-Qorti, wara li ħasbet sewwa, waslet għall-konklużżjoni illi l-Gvern meta iddeċida li l-arranġamenti finanzjarji kif proposti mis-soċjetà appellanti ma kienux aċċettabbli għalih uża diskrezzjoni li kienet riżervata lilu bħala Gvern *tal-pajjiż* u *fl-interess pubbliku u li, fin-nuqqas* ta' *prova* ta' mala fede, mhix sindakabbli mill-Qorti, b'mod illi l-Qorti ma tistax tikkostrinġih li jirrivela r-raġunijiet tad-deċiżjoni tiegħu jew tiddeċidi kontra tagħha.

Rigward il-bona fede tal-Gvern is-soċjetà appellanti fin-nota *tagħha fol. 372 issuġġeriet illi l-Gvern qal li ma kienx* soddisfatt bl-arranġamenti magħmulin minnha mal-BICAL bħala pretest għaliex il-vera raġuni għar-rottura tan-negozjati kienet illi "żmien qasir wara l-konċessjoni lis-soċjetà ttaċċaw nies Ingliżi li kienu interessati li jiżviluppaw Manoel Island, inkluża il-parti promessa mis-soċjetà, u minflok ma l-Gvern qata dik il-parti mid-diskussjonijiet John Pollacco żamm negozjati dwarha u anki siefer in konnessjoni magħha". Fil-fehma tal-Qorti, ta' din l-allegazzjoni ma hemm ebda prova soddisfaċenti fil-proċess. John Pollacco ma ġiex mistoqsi xejn, meta xehed, speċifikament dwar dik l-allegazzjoni. Dottor Mizzi xehed illi f'nofs Settembru, 1965 u anzi minn xhur qabel jekk jiftakar sewwa ftit ġranet wara t-8 ta' April, 1965 kienu bdew negozjati bejn il-Gvern u ħaddieħor rigward proġett ta' Manoel Island, imma dawn kienu, u għadhom sallum, negozjati biss u dejjem soġġett

għall-kondizzjoni li jekk in-negozjati mas-soċjetà appellanti isehhu l-art in konnessjoni mal-proġett tas-soċjetà (appellanti) tiġi eskluża minn negozjati: in-negozjati ma dan il-ħaddieħor kienu għall-Manoel Island kollha b'din ir-riżerva tas-soċjetà (appellanti) u b'xi riżervi oħrajn: u Dottor Tufigno xehed illi "fil-kondotta tal-parti finanzjarja ta', dan il-proġett jiena qatt ma ġejt avviċinat minn ħadd li semmieli li hemm xi proġett ieħor għall-istess post, u dejjem ikkunsidrajtu on its own merits". S'intendi il-bona fede hi preżenuta sa kemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju u il-prova tal-kuntrarju kienet tmiss lis-soċjetà appellanti jekk riedet issostni l-allegazzjoni tagħha.

Fin-nuqqas ta' din il-prova il-Qorti hi ta fehma, kif intqal, illi d-deċiżżjoni tal-Gvern meħuda fid-diskrezzjoni li kellu u li irriżerva għalih, illi s-soċjeta appellanti ma għamlitx jew ma tatx prova ta' arranġamenti finanzjarji soddisfaċenti, m'hijiex sindakabbli mill-Qorti. (ara bħala analoġija "Robinson vs Minister of Town and Country Planning" (1947) K.B. 702).

Hu interessanti li jiġi osservat illi fil-monografija ta' Francesco Renetti dwar "La Responsabilità Precontrattuale" li għaliha għamlet riferenza is-soċjetà appellanti jingħad illi, fl-Italja nonsostanti li hemm it-test espress u apparentement ġenerali ta' l-art. 1337 tal-Kodiċi Ċivili l-Ġdid.

> "secondo l'insegnamento della prevalente giurisprudenza, si dovvrebbe negare la possibilità di configurare una 'culpa in contrendo' della pubblica amministrazione in quanto il giudice ordinario non può sindacare la correttezza dell'organo amministrativo nel condurre trattative, essendo materia riservata alla discrezionalità della pubblica amministrazione".

Għad li l-awtur stess jidher li ma jaqbilx għal kollox ma dak l-indirizz, b'dana kollu l-ġurisprudenza tal-Cassazioni tidher li hi f'dak is-sens.

Fil-każ preżenti, kif ġa intqal, id-diskrezzjoni li l-arranġamenti finanzjarji kellhom ikunu "għas-soddisfazzjon tal-Gvern" ġiet, fil-fehma tal-Qorti, riżervata espressament.

Għal dawn il-motivi u mingħajr ma tidħol f'konsiderazzjonijiet oħra, il-Qorti hi ta' fehma li t-talba ta' s-soċjetà appellanti ma tistax tiġi milqugħa.

*Għalhekk* il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell ukoll in kwantu magħmul mis-soċjeta appellanti u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjes kontra l-appellanti.